# ID-DAWL

ĠUNJU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 18

**“Għinu lil xulxin bit-tjieba u l-pjetà, u la tgħinux lil xulxin fid-dnub u t-trasgressjoni.”**



Eid-ul-Fitr | Min Ħalaq il-Ħażen? | Iftar Interreliġjuż | L-Armonija fis-Soċjetà

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TA' EID-UL-FITR

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Wara x-xahar ta' Ramadan il-Musulmani jiċċelebraw l-Eid-ul-Fitr. 'Eid' hija kelma bl-Għarbi li tfisser 'ġurnata li tirritorna ta' spiss'. Hemm żewġ festi Iżlamiċi tal-Eid f'sena. L-ewwel waħda tissejjaħ **'Eid-ul-Fitr'** u t-tieni li tiġi xi għaxar ġimgħat wara tissejjaħ **'Eid-ul-Ażħa'**.

Il-festa ta' Eid-ul-Fitr tiġi ċċelebrata fi tmiem ix-xahar tas-sawm, għalhekk tissejjaħ ukoll il-festa tal-waqfien mis-sawm. Is-sawm fix-xahar ta' Ramadan huwa wieħed mill-ħames kolonni tal-Iżlam. Huwa, għalhekk, attribut prattiku tal-fidi u jitqies bħala att ta' devozzjoni.

Il-messaġġ bażiku tas-sawm huwa li jkun eqreb lejn Alla u mal-ħolqien tiegħu. Għalhekk, huwa importanti ħafna li n-nies foqra u dawk fil-bżonn jiġu inklużi f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Eid-ul-Fitr.

**ID-DAWL**
Ġunju 2019 – Numru 18 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** LittlePerfectStock | Shutterstock

# ALLA ĦALAQ IL-ĦAŻEN?

Le, skont il-fehim tagħna Alla la jikkrea t-tajjeb u lanqas il-ħażin. Alla joħloq il-ħiliet u l-kapaċitajiet u l-użu tajjeb jew ħażin tagħhom jagħmilhom tajbin jew ħżiena. Pereżempju, Alla tana l-ħila taċ-ċaqliq u jekk din tintuża għal affarijiet li jibbenefikaw lill-umanità mela din titqies tajba quddiem Alla imma jekk din tintuża għall-qerda jew id-diżordni mela taqa' fil-kategorija tal-ħażen.

Alla l-Omnipotenti jgħid fil-Koran Imqaddes:

> **"U Huwa wrieha (ir-ruħ) dak li hu ħażin għaliha u dak li hu tajjeb għaliha — dak li jippurifikaha tabilħaqq *verament* jistagħna; u dak li jikkorrompiha jinqered."** (91:9-11)

Dawn il-versi jfissru li wara li ħalaq il-bniedem u żejnu b'potenzjalitajiet u kwalitajiet naturali kbar, Alla ma abbandunahx. Anzi daħħal fin-natura tiegħu sentiment jew sens ta'x'inhu tajjeb jew ħażin. Jew il-versi jistgħu jfissru li Alla jirrivela lill-bniedem li dan jista' jikseb il-perfezzjoni spiritwali billi jwarrab minn dak li hu ħażin u malinn u jadotta dak li hu tajjeb u rett għaliex huwa bis-saħħa tar-rivelazzjoni Divina li l-bniedem jista' jiksibha.(i)

Il-Messija Mwiegħed[as] kien fissirha kif ġej:

"Alla jagħti tip ta' rivelazzjoni lil kull persuna li tissejjaħ *nur-e-qalb* [id-dawl tal-qalb] u din hi l-fakultà li tiddistingwi bejn l-għemejjel tajba u dawk ħżiena.

Pereżempju, meta ħalliel jisraq jew qattiel jikkommetti omiċidju, Alla jżommha f'qalbu fl-istess ħin li dan ikun wettaq il-ħażin u mhux it-tajjeb, iżda hu ma jagħtix kas ta' din l-ispirazzjoni, għaliex id-dawl ta' qalbu u r-raġuni tiegħu huma dgħajfa, u huma maħkuma mill-karatteristiċi bestjali jew aggressivi tiegħu, u huma attirati mill-passjonijiet egoistiċi tiegħu."(ii)

---

(i) *The Five Volume Commentary*, p. 2832 - (ii) *Ruhani Khazain*, Vol. 1, p. 186

# IR-RAMADAN U L-PAĊI:
# IL-KUNĊETT TAS-SAWM FIR-RELIĠJONIJIET

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta organizzat Iftar (ikla) Interreliġjuż fir-Ramadan u l-Konferenza tal-Paċi bit-tema **"Ir-Ramadan u l-Paċi: Il-Kunċett tas-Sawm fir-Reliġjonijiet"** il-Ġimgħa 31 ta' Mejju 2019 fil-Lukanda Waterfront, il-Gżira.





Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu, Dr George Vella, flimkien mal-mara tiegħu s-Sinjura Vella, attenda din l-attività u għamel indirizz ewlieni. L-attività laqqgħet flimkien madwar 90 persuna minn kull qasam tal-ħajja biex jiddiskutu dwar l-għan importanti tas-sawm fir-reliġjonijiet. Ir-reliġjonijiet ewlenin kollha kienu rappreżentati f'din l-attività kif ukoll id-dinja tal-politika u s-soċjetà ċivili.

L-għan ta' din il-laqgħa interreliġjuża huwa biex ikun hemm fehim aktar profond tal-Iżlam u reliġjonijiet oħra, u biex isir sforz kollettiv akbar għal paċi aktar dejjiema fis-soċjetà.









L-attività bdiet bir-reċitazzjoni tal-Koran Imqaddes. Fl-indirizz inawgurali tiegħu, l-Eċċellenza Tiegħu, Dr George Vella, President ta' Malta, tkellem dwar il-ħtieġa ta' armonija u djalogu interreliġjuż. Ir-Rev. Dr Joseph Ellul, Chairman tal-Kummissjoni għal Djalogu Interreliġjuż fl-Arċidjoċesi ta' Malta, tkellem dwar "Perspettiva Nisranija tas-Sawm" u s-Sinjur Gordhan Mohnani tkellem dwar "Il-Kunċett tas-Sawm fil-Ħinduwiżmu".

Fl-indirizz tiegħu, l-Imam Laiq Ahmed Atif, President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, tkellem dwar "Il-Filosofija tas-Sawm fl-Iżlam".

Wara t-twaqqif tas-sawm u t-talb, ġie servut l-ikel.



# IL-PAĊI U L-ARMONIJA FIS-SOĊJETÀ

**Il-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad huwa l-mexxej dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, maħtur fil-pożizzjoni tiegħu f'April tal-2003. Bħala l-aktar figura Musulmana promettenti fid-dinja li tippromwovi l-paċi u l-armonija interreliġjuża, il-Qdusija Tiegħu l-ħin kollu jenfasizza fuq il-valuri u l-prinċipji li jistgħu jsaħħu r-relazzjonijet bejn in-nies ta' twemmin differenti. Hawn taħt nippreżentaw parti mid-diskors tiegħu dwar il-paċi u l-armonija interreliġjużi.**



"Illum id-dinja tikkonsisti f'popli li jappartjenu lil reliġjonijiet differenti u l-fundaturi ta' dawn ir-reliġjonijiet kollha għallmu lis-segwaċi tagħhom biex iqimu Alla wieħed u jaqdu d-dmir li jagħtuh id-drittijiet li jisħoqq Lilu u 'l-ħolqien Tiegħu. Madwar 1400 sena ilu, Alla Omnipotenti bagħat il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u l-liġi rivelata lilu fil-forma tal-Koran Imqaddes. Dwar dan il-Ktieb li fih il-liġijiet, Alla Omnipotenti jgħid fil-Koran:

> **'Tassew, Aħna nfusna niżżilna dawn l-eżortazzjonijiet u bla dubju ta' xejn Aħna se nkunu l-Għassiesa tiegħu.'** (15:10)

Għalhekk, sal-lum il-Koran Imqaddes għadu fil-forma l-aktar pura tiegħu mingħajr ma sarlu l-ebda tibdil fih. Ħafna Orjentalisti wkoll jaffermaw dan il-fatt. Dan il-ktieb kien rivelat lill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, 1400 sena ilu, kif diġà għedt, u meta nirriflettu dwaru nirrealizzaw li jiġbor fih firxa wiesgħa ta' suġġetti. Fejn (il-Koran Imqaddes) jikkonferma l-miġja tal-profeti f'nazzjonijiet varji, hekk jivverifika wkoll il-verità tat-tagħlim tagħhom. Jgħallem lill-bniedem kif jattwa d-drittijiet ta' ħaddieħor, liema kundizzjonijiet huma permessi għall-gwerra u sa liema limiti għandha tasal il-gwerra.

Jinfurmana wkoll dwar l-invenzjonijiet li huma mistennija fil-futur – jiġifieri, l-invenzjonijiet tal-lum – kif għandu jsir in-negozju, u l-bqija, biex inkun semmejt xi ftit minnhom.

## ŻEWĠ TAQSIMIET PRINĊIPALI

Jekk wieħed janalizza l-Koran Imqaddes b'mod kritiku, it-tagħlim tiegħu nistgħu niġbruh f'żewġ taqsimiet prinċipali. L-ewwel taqsima hija dwar ir-rikonoxximent tal-Ħallieq tagħna, u t-tieni dwar id-drittijiet li għandhom jingħataw lill-ħolqien Tiegħu. Anki jekk xi kritiċi ma jifhmux xi tagħlim tal-Koran Imqaddes, jew ma jemmnux fih, huma, madankollu, xorta jammettu l-oriġinalità tiegħu. Biex wieħed jifhem il-Koran Imqaddes sewwa wieħed jeħtieġ determinazzjoni u purità fil-qalb.

Mal-miġja tal-Iżlam, il-Koran Imqaddes kien imfisser lill-bnedmin mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] innifsu, li għallmu lil sħabu; imbagħad warajh, nies oħra devoti studjawh ukoll, fehmuh u spjegawh lil oħrajn għal għexieren ta' snin.

Aħna nemmnu wkoll li f'kull seklu, Alla Omnipotenti bagħat riformaturi qalb il-Musulmani, u dawn kienu responsabbli għat-tixrid tat-tagħlim veru u l-messaġġ tal-Iżlam għal kulħadd, kemm għal min hu Musulman u kemm għal min mhux. Xi wħud minn dawn ir-riformaturi ġew lejn is-subkontinent tal-Indja. Imbagħad fl-1889, il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam, minn Qadian fl-Indja, afferma li hu r-riformatur u l-Messija u l-Maħdi li kellu jidher fl-erbatax-il seklu u li kien ipprofetizzat mill-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih.

Aħna l-Aħmadin [membri tal-Komunità Ahmadiyya], waqt li nemmnu fl-affermazzjoni tiegħu, nappartjenu lill-komunità tiegħu u naċċettawh bħala l-Messija u l-Maħdi li għandu jgħaqqad il-popli kollha, kemm Musulmani u kemm dawk li mhumiex, taħt Alla Wieħed, sabiex id-differenzi reliġjużi jitneħħew mid-dinja, u sabiex in-nies jibdew jirrealizzaw l-iskop tal-ħolqien tagħhom hekk kif mgħallma mill-Profeti kollha, li jagħtu d-drittijiet mistħoqqa lill-Ħallieq tagħhom u li jagħtu d-drittijiet mistħoqqa lil xulxin ukoll.

# L-GĦAN TAL-MIĠJA
# TAL-MESSIJA MWIEGĦED

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad Qadiani, il-Messija Mwiegħed (il-paċi tkun miegħu), ħabbar ukoll li l-iskop tal-miġja tiegħu kienet li jsaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u l-Ħallieq tiegħu u t-tieni biex jiġbed l-attenzjoni tal-bniedem sabiex jagħti d-drittijiet mistħoqqa lejn il-ħolqien ta' Alla.

Hu għallem li l-bniedem għandu jersaq aktar qrib lejn il-Ħallieq tiegħu billi jqimu u għandu jagħti d-drittijiet li wieħed għandu jagħti lill-ieħor sabiex ineħħi l-motivi ta' lmenti kollha u l-argumenti reliġjużi li jinqalgħu fost in-nies. Hu semma wkoll li dawn jagħmlu parti mit-tagħlim tal-Koran Imqaddes. Hawnhekk wieħed għandu jinnota li Alla kultant jitkellem metaforikament, u għalhekk mhux dejjem ikun faċli għall-bnedmin li jifhmu.

Għalhekk Alla jibgħat messaġġiera fid-dinja biex ifissru u jwasslu l-messaġġ ta' Alla lilhom, dak li kien irrivelat lill-Profeti fil-passat. Skont it-twemmin tagħna, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad (il-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun miegħu) hu r-riformatur speċjali li Alla Omnipotenti bagħat f'dan iż-żmien biex iwassal il-messaġġ Tiegħu lilna."[iv]

(iv) L-indirizz mogħti fit-Taj Residency Hotel, Ernakulam, Kerala, fit-30 ta' Novembru 2008

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**